MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 1673/1998/1

**Allcare Insurance Agency Limited**
**vs**
**Mark Randon**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mis-socjeta’ attrici fit-13 ta’ Awissu, 1998, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :
Illi in forza ta' skrittura privata tat-23 ta' Ottubru 1996 (DOK "A"), is-socjeta' attrici kienet impjegat lill-konvenut bhala Operations Manager ghal zmien indefinit;

Illi fit-30 ta' April 1998 l-impieg ta' l-istess konvenut gie terminat minhabba li dan gie dikjarat redundant;

Illi il-klawzola numru 16 tal-kuntratt ezebit bhala Dokument "A"jghid testwalment hekk:

"16. Should this employment be terminated for any reason by THE EMPLOYER or by THE EMPLOYEE, THE EMPLOYEE undertakes as of now that for a period of twelve months after the termination of his employment, he shall not for his account or for any other person, firm or company, solicit or interfere or endevour to entice a way from THE EMPLOYER any person who may be employed with THE EMPLOYER, or may be a client of THE EMPLOYER. If a breach of this clause is proven, THE EMPLOYEE agrees that he shall be liable to damages which are being pre-agreed now, by the parties in the sum of LM6,000";

Illi in segwitu ghat-terminazzjoni tal-impieg tal-konvenut, dan l-ahhar fetah ghal rasu socjeta' Shield Services Limited skond kif jidher mill-anness Dokument "B", illi inter alia twettaq xoghol ta' Insurance Salesman sabiex tipprokura xoghol ta' assikurazzjoni lis-socjeta' Citadel Insurance p.l.c.;

Illi jirrizulta ampjament li bi ksur tal-klawzola fuq imsemmija tal-kuntratt il-konvenut avvicina klijenti tas-socjeta' attrici sabiex jipperswadihom, kif effettivament irnexxilu jaghmel, illi jaqilbu l-poloz rispettivi taghhom ma din is-socjeta' imsemmija, ossija sabiex jikkancellaw l-istess poloz li kellhom mas-socjeta' attrici;

Illi lista ta' dawn il-klijenti tinsab hawn annessa u mmarkata bhala Dokument "C";

Illi inoltre, wkoll bi ksur ta' l-istess klawzola tal-kuntratt, il-konvenut avvicina IiI Pamela Cuschieri li kienet impjegata tas-socjeta' attrici sa ftit zmien ilu, sabiex din titlaq mill-impieg taghha u tassumi impieg mas-socjeta' Shield Services Ltd, illi wkoll il-konvenut avvicina ill Kenneth Genovese, li kien salesman tas-socjeta' attrici u ipperswadih sabiex jaqleb ix-xoghol tieghu wkoll ma Citadel Insurance p.l.c.;

Illi is-socjeta' attrici ghalhekk ghanda dritt skond il-klawzola imsemmija tal-iskrittura dokument "A” illi titlob is-

somma ta' sitt elef Lira Maltin (LM6,000)ghal kull ksur ta' tali klawzola;

Talbet ghalhekk li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. tiddikjara u tiddeciedi kemm-il darba dan kiser il-klawzola 16 tal-kuntratt tal-impieg tieghu;
2. tillikwida bhala danni kontrattwali is-somma ta' sitt elef Lira Maltin (LM6,000)ghal kull ksur accertat skond l-ewwel taIba;
3. tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici is-somma komplessiva li tigi likwidata skond l-ewwel taIba;

Bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut li jibqa ingunt minn issa stess ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista ta’ xhieda tas-socjeta’ attrici;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Mark Randon, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi id-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li huma manifestament skorretti fattwalment kif ukoll legalment, billi mhux minnu illi l-esponenti b'xi mod kiser il-kondizzjoni tal-kuntratt fuq riferita;
2. Illi, bla pregudizzju ghall-premess, u fil-mertu, mhux mistenni illi l-esponenti jigi rinfaccjat bi ksur tal-kondizzjoni numru sittax ghall-sittax-il darba, izda b'mandat kawtelatorju ghall-ammont ta Lm102,000, u cioe daqs li kieku kisirha ghall-sbatax-il darba meta fil-fatt il-klawsola titkellem wehidha u cioe f'kas ta' ksur tal-kondizzjoni imsemmija l-esponenti ghandu ihallas is-somma ta’ Lm6000 bhala danni pre-likwidati. Ma hemm xejn fil-klawsola imsemmIja illi tali somma tirrapresenta id-danni ghall-<u>kull</u> ksur tal-imsemmija klawsola, kif qieghed jippretendi l-attur nomine meta halef ic-cittazzjoni de quo. Din hija interpretazzjoni tieghu li ma hijiex sorretta mill-fatti;
3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut Mark Randon;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li tressqu u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici u dik tal-konvenut;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi xehed Eric  Schembri, Chairman tal-Bord tad-Diretturi tas-socjeta' attrici illi kien impjega lil Mark Randon bhala Operations Managers ma' l-istess socjeta' u illi kien hu stess li iffirma il-kuntratt ta' impjieg esebit bhala Dok A mac-citazzjoni. Ix-xhud qal illi fil-bidu tal-1998 il-Bord kien ha decizzjoni illi ibiddel l-istruttura tal-management tal-kumpanija u per konsegwenza ix-xoghol ta' Chief Executive kien ser jassorbi ix-xoghol ta' l-Operations Manager. Kien ghalhekk li fit-8 ta' April 1998 Alex Schembri baghat ghal Mark Randon, spjegalu is-sitwazzjoni tal-kumpanija u qallu li kien ser jispicca 'redundant'. Huwa qallu li kien lest ikompli jitkellem mieghu sabiex jara kif hu u il-kumpanija jistghu jghinuh u qal illi Randon kien issuppervja, izda wara cempillu u ried ikellmu sabiex jiddiskuti 'handover' tad-doveri tieghu, izda minflok Randon ma tfaccax, izda kiteb ittra lis-socjeta' attrici fejn ghamel diversi talbiet, il-partijiet ma qablux u infethet kawza il-Qorti f'dan ir-rigward. Is-Sur Schembri kompla jixhed illi huma ma kellhom l-ebda kummenti kuntrarji dwar il-kompetenza ta' Mark Randon  sabiex dan ikun jista jahdem bhala insurance salesman ma kumpanija ohra u ftit tal-granet wara, xi impjegati tas-socjeta' attrici irrappurtaw lix-xhud li zewg klijienti tas-socjeta' attrici  kienu inqdew minn Mark Randon waqt li kien ghadu qieghed jahdem mas-socjeta' attrici u minn dak il-mument bdew jidhlu rapporti ta' kazijiet simili. Ix-

xhud qal illi fil-21 ta’ Lulju 1998 irrizenjat Pamela Cuschieri li kienet l-Accounts Clerk tas-socjeta’ attrici u saru jafu li din marret tahdem ma Shield Services Limited, is-socjeta’ tal-konvenut. Ix-xhud kompla jghid illi minn dak iz-zmien ‘il quddiem huma dejjem baqghu jitilfu klijenti lil Mark Randon.

Illi xehed ukoll George Said, Chief Executive mas-socjeta’ attrici u qal illi huwa ilu hekk impjegat mill-1 ta’ Mejju 1998 u kien dahal jahdem mas-socjeta’ attrici ftit tal-jiem wara li spicca mill-impjieg Mark Randon. Ix-xhud qal illi huwa kien ra id-dettalji tal-kuntratt ta’ l-impjieg tal-konvenut u fost klawzoli ohrajn il-kuntratt ta’ Mark Randon kien jispecifika fil-klawsola numru 16 illi ma setghax jipprova jiehu ghalih jew ghal haddiehor il-klijenti tal-kumpanija attrici u lanqas ma setgha jipprova jiehu impjegati ta’ l-istess kumpanija. Is-Sur Said kompla jixhed illi ftit gimghat wara li beda jahdem mas-socjeta’ attrici kien intebat b’katina ta’ grajjiet illi kellhom x’jaqsmu ma dan il-kaz. Kien ra artikolu fil-Business Weekly li minnu irrizulta li Mark Randon kien ghadu kif waqqaf kumpanija bl-isem Shield Services Limited li kellha tisvolgi x-xoghol ta’ insurance ghas-socjeta Citadel Insurance p.l.c. Huwa xehed illi fil-granet u gimghat ta’ wara il-kumpanija bdiet tircievi “No Claims Discount Requests” minghand is-Citadel Insurance u spjega li dan huwa dokument ufficjali li jintalab minn kumpanija ta’ assikurazzjoni li tkun ser tibda policy gdida fuq vettura ma klient gdid minghand l-assikurazzjoni li tkun kopriet lil dan il-klijent qabel ma tkun skadietlu l-polza ta’ qabel u qal illi minn ezami superficjali tal-files tas-socjeta’ attrici irrizulta mal-ewwel illi dawn it-talbiet kienu kollha jirrigwardaw klijenti illi kienu jinqdew minn Mark Randon meta dan kien ghadu impjegat mas-socjeta’ attrici. Sussegwentement saru jafu illi Kenneth Genovese, li sa dak iz-zmien kien ‘salesman” tal-kumpanija attrici, kien assocja ruhu ma Shield Services Limited u beda jghaddi x-xoghol lil din is-socjeta’, minflok lis-socjeta’ attrici. Sussegwentement Pamela Cuschieri marret tahdem ma Shield Services Limited. Ix-xhud kompla jghid illi dawn il-kazijiet skond ix-xhud baqghu jizdiedu fis-sens illi ex-klijenti taghhom qalbu il-poloz ta’ assikurazzjoni illi kellhom mas-socjeta’ attrici ghal mas-

Citadel Insurance. Ix-xhud esebixxa id-dokument GFS 2 u qal illi hemmhekk hemm prova cara l-klijent kien gie avvicinat direttament minghand Shield Services u semma zewg kazijiet ohrajn, ta' certu Michael Scicluna u Andrew Bugeja, ex-klijenti tas-socjeta' attrici, illi infurmaw lill-ufficjali tal-kumpanija attrici illi l-polza taghhom kienet diga giet imgedda mal-Allcare tramite Kenneth Genovese u dawn in-nies kienu sorprizi ferm meta gew infurmati illi Kenneth Genovese kien ilu xhur ma jahdem mas-socjeta' attrici. Ix-xhud qal ukoll illi huma kienu irrappurtaw dan l-agir lil Malta Financial Services Centre u talbuha tiehu passi kontra s-Sur Genovese.

Ikkunsidrat :

Illi xehed Edward Sammut, Segretarju tas-socjeta' assikuratrici Citadel Insurance, u qal illi in-nies elenkati fit-tahrika ta' xhieda a fol. 21 tal-process : Leonard Attard, Mario Randon, Elizabeth Ann Attard, Ray Formosa, Joanne Bonnici, Albert Genovese, Victor Gauci, DJS Trading Limited, Fabian Debattista, Daniel Von Brockdorff, Calpat Traders u Kenneth Genovese, huma kollha assigurati maghhom u kollha gew riferuti mis-socjeta' Shield Services Limited. Huwa xehed illi jaf illi l-konvenut huwa azzjonista u direttur tas-socjeta' Shield Services Limited.

Illi xehdet ukoll Pamela Cuschieri illi kienet tahdem bhala Accounts Clerk mas-socjeta' attrici u illi sussegwentement marret tahdem mas-socjeta' Shield Services Limited. Hija qalet illi kienet irrispondiet ghal advert illi kien deher fil-gazzetta, applikat u intaghzlet. Hija xehdet li meta kienet tahdem mas-socjeta' attrici gieli tkellmet ma Mark Randon u hu kien qalilha li kien ser jiftah ufficju ghalih, izda xehdet illi minkejja li qalilha li kien ser ikollu bzonn in-nies qatt ma qalilha car u tond illi riedha tmur tahdem mieghu. Hija xehdet illi ma kellha l-ebda pressjoni minnu sabiex titlaq l-impjieg taghha mas-socjeta' attrici.

Ikkunsidrat :

Illi xehed Kenneth Genovese u qal illi kien jahdem mas-socjeta’ attrici bhala part time salesman. Ix-xhud qal illi kien waqaf jaghmel dan ix-xoghol u beda jaghmel l-istess xoghol mas-socjeta’ Shield Services Limited. Huwa qal illi l-klijenti imnizzla fil-lista a fol. 21 tal-process kienu klijenti tieghu u meta beda jahdem ma Shield Services Limited offrielhom is-servizzi ta’ socjeta’ assikuratrici ohra is-socjeta Shield Services u din is-socjeta’ irriferithom lis-Citadel Insurance. Huwa ikkonferma li meta kien jahdem ghas-socjeta’ attrici Mark Randon kien il-kuntatt tieghu mas-socjeta’ attrici. Ix-xhud kompla jghid illi meta telaq Randon minn mas-socjeta’ attrici huwa ra li l-organizzazzjoni kienet waqghet u min kien dahal minfloku lanqas biss kien baghat ghalih biex ikellmu. Huwa kien wera lil Mark Randon li ma kienx kuntent illi Randon kien telaq minn mas-socjeta’ attrici u xehed illi Mark Randon ma baghatx ghalih u lanqas hu ma mar ghandu, izda fic-cirkostanzi kif kienu kienu tkellmu flimkien u ftehmu riciprokament illi hu jibda jahdem ghalih. Ix-xhud qal illi bhala parti mill-ftehim illi kien ser imur jahdem ma Mark Randon kien hemm ukoll il-possibilita illi certi klijenti tieghu ma jibqghux mas-socjeta’ attrici, izda jassiguraw ruhhom mas-socjeta’ ta’ Mark Randon.

Ikkunsidrat :

Illi Eric Schembri in kontro-ezami xehed illi ghalkemm huwa minnu illi jinholoq rapport bejn il-klijent u min ikun qieghed jidher ghan-nom ta’ l-assikurazzjoni u jista jkun ukoll naturali illi l-klijenti isegwu lil din il-persuna jekk din ma tibqax tahdem ma socjeta’ ta’ assikurazzjoni l-assikurazzjoni u tmur tahdem f’kumpanija ohra ta’ l-assikurazzjoni jew tiftah agenzija ta’ l-assikurazzjoni taghha, skond il-klawsola numru 16 tal-kuntattt li kien iffirma Mark Randon mas-socjeta’ attrici huwa kellu jirrifjuta lil dawk il-klijenti li jippruvaw isegwuh, jew inkella ihallas il-penali ghal kull klijent illi jiehu. Ix-xhud qal illi s-socjeta’ attrici qeghda tippretendi illi hemm nuqqas tal-kuntratt da parti tal-konvenut ghar-rigward tal-klijenti ghandu kemm ghandu poloz, u spjega li huma qeghdin jitolbu is-somma ta’ sitt elef lira Maltin (LM6,000) ghal kull ksur minn naha tal-konvenut u dana peress illi l-konvenut

kellu access ghall-informazzjoni kollha tal-klijenti tal-kumpanija attrici. Huwa xehed illi meta wiehed jikkonsidra is-somma ta' sitt elef lira (LM6,000), il-penali in kwistjoni in relazzjoni mas-somma ta' miljun lira (LM1,000,000) illi tirrapprezenta il-klijenti kollha li ghandha il-kumpanija illi jhallsu "premium" ta' cirka miljun lira (LM1,000,000), is-somma ta' sitt elef lira tkun irrizorja jekk wiehed jinterpreta il-klawsola tal-kuntratt fis-sens illi l-penali kellha tithallas ghan-nuqqasijiet kollha u ghalhekk is-socjeta' attrici tinterpeta l-klawsola fis-sens illi l-konvenut ghandu jhallas sitt elef lira (LM6,000) ghal kull nuqqas illi ghamel. Huwa xehed ukoll illi huwa minnu illi l-kuntratt gie redatt mill-Avukat tal-kumpanija attrici u illi huma kienu jiehduha bhala 'understood' illi s-somma ta' sitt elef lira (LM6,000) kellha tithallas ghal kull nuqqas u mhux ghan-nuqqasijiet kollha.

Ikkunsidrat :

Illi s-socjeta' attrici tellghet diversi xhieda illi ikkonfermaw illi kienu klijenti taghha izda sussegwentement dawru l-insurance taghhom mas-socjeta ta' l-assikurazzjoni ta' Mark Randon. Uhud minn dawn il-klijenti xehdu illi huma marru minn jeddhom ghand Mark Randon peress illi diga kellhom relazzjoni personali mieghu u ghalhekk riedu illi jibqa jiehu hsieb l-assikurazzjoni taghhom u illi ma kienx Mark Randon illi avvicinahom. Certa Joanne Bonnici, ex-klijenta tas-socjeta' attrici, xehdet illi kienet irceviet xi inkartament minghand Shield Services u effettivament bdiet tinxurja maghhom, izda xehdet illi meta irceviet dawn il-karti ma kienitx cemplet lil Shield Services dwarhom.

Illi xehdu wkoll familjari tal-konvenut u qalu illi dejjem hallew l-insurances taghhom f'idejn il-konvenut peress illi huwa membru tal-familja taghhom u allura huwa inxurjhom mas-socjeta' assikuratrici illi ghazel hu stess. Persuni ohrajn bhal Leonard Attard xehdu illi huma iqisu lil Mark Randon bhala l-konsulent taghhom fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' assikurazzjoni u lanqas biss jaf ma min hu assikurat, peress illi dejjem ihalli f'idejn Mark Randon. Huwa xehed illi Randon bl-ebda mod ma qaghad ihajjru

sabiex imur jinxurja mas-socjeta' tieghu, izda din kienet l-ghazla libera tieghu stess.

Illi xehed ukoll Mario Farrugia, impjegat tal-BOV illi jaghmel xoghol part-time ta' servizzi ta' assikurazzjoni. Kien jinnegozja ma certu Mario Mizzi u f'hin minnhom deherlu li Mizzi kellu jigi introdott lil Mark Randon. Sussegwentement ix-xhud qal illi kien jaghmel dan ix-xoghol bi shab ma certu Kenneth Genovese u xehed illi qatt ma inghata lista minghand il-konvenut fir-rigward ta' klijenti illi kellu jmur ghandhom jew javvicina, izda jaf illi fl-ufficju kienu ibieghu insurance li sussegwentement kienu jghaddu lis-socjeta' tal-konvenut, cioe' Shield Services.

Ikkunsidrat :

Illi xehed il-konvenut u spega ic-cirkostanzi ta' kif kien jahdem mas-socjeta' attrici illi sussegwentement ghamlitu redundant u xehed dwar il-lista esebita ta' l-ex klijenti tas-socjeta' attrici u spejga illi dawn kienu klijenti tieghu sa minn qabel ma beda jahdem mas-socjeta' attrici, hlief ghal tnejn minnhom illi qatt ma kienu klijenti tieghu. Mistoqsi dwar is-Sur Muscat illi ittella jixhed mis-socjeta' attrici, il-konvenut xehed illi kien jigi klijent, hu kien jimlilu l-proposal form, illi umbaghad kienet tigi processata minn skrivana impjegata mas-socjeta' attrici. Huwa xehed illi s-Sur Muscat kien irrabjat peress illi s-socjeta' attrici kienet fethet kawza kontra tieghu fejn allegat li hu ma kienx hallasha il-premium. Il-konvenut xehed dwar Muscat illi huwa kien qallu li l-ahjar haga kienet tkun illi huwa icempel lis-socjeta' attrici u dik kienet l-ahhar darba li kien kellmu. Dwar Pamela Cuschieri huwa xehed illi kien ghamel avviz fil-gazzetta illi ghaliha irrispondew diversi nies u fosthom kien hemm Pamela Cuschieri, kien diga jaf xogholha mas-socjeta' attrici u ghalhekk ghazel lilha. Meta gie mistoqsi jekk kienx jaf dwar il-klawsola illi kellu fil-kuntratt ta' l-impjieg tieghu illi ma setghax jiehu l-impjegati tas-socjeta' attrici jekk xi darba iwaqqaf socjeta' tieghu stess, huwa xehed illi sa fejn jaf hu huwa ma setghax ikellem impjegati tas-socjeta' attrici u ihajjarhom li imorru jahdmu mieghu, izda huwa kull ma ghamel kien illi hareg avviz fil-gazzetta. Huwa kien spjega kollox lil

Pamela Cuschieri illi kienet qaltlu illi hija xorta kienet ser titlaq minn mal-kumpanija attrici u ghalhekk huwa kien impjegaha. Fil-fatt din Pamela kienet iffirmatlu dikjarazzjoni fis-sens illi huwa ma kienx avvicinaha sabiex tmur tahdem mieghu. Il-konvenut xehed ukoll illi diversi klijenti li kienu mas-socjeta' attrici wara li telaq hu baqghu klijenti tas-socjeta' attrici. Dwar Kenneth Genovese il-konvenut xehed illi hu kien harreg lil Genovese fuq ix-xoghol ta' l-insurance sabiex ikun jista jahdem ghal rasu u ibiegh l-insurances u xehed ukoll illi Genovese sar jaf illi hu kien telaq minn mas-socjeta' attrici u cempillu u qallu illi s-servizz illi kienu qeghdin jaghtu l-Allcare kien naqas, kien hass li ma kienx gie trattat sew mis-socjeta attrici u ghalhekk xtaq illi jittermina ir-relazzjoni tieghu mas-socjeta' attrici. Il-konvenut xehed illi huwa kien fehmu il-posizzjoni tieghu, izda huwa ghazel illi jaghmel xorta ohra.

Ikkunsidrat :

Illi ittella jixhed Aldo Cassar illi kien Managing Director tas-socjeta' attrici u xehed illi fuq il-livell ta' Bord ma jiftakarx illi kien prezenti ghal xi decizjoni li setghet ittiehdet f'dak il-livell sabiex jinbdew dawn il-proceduri kontra l-konvenut. Ghalhekk huwa ikkonferma illi ma kien hemm l-ebda rizoluzzjoni fil-livell ta' Bord sabiex tinbeda il-procedura odjerna kontra il-konvenut.

Ikkunsidrat :

Illi wara li l-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi kollha illi gew prodotti tara illi jirrizulta car illi il-konvenut effettivament kiser il-klawsola 16 tal-kuntratt ta' l-impjieg tieghu. Jibqa issa ghalhekk il-kwistjoni dwar jekk id-danni illi ghandu jhallas il-konvenut humiex ta' sitt elef lira (LM6,000) talli kiser il-klawsola 16 tal-kuntratt ta' l-impjieg jew inkella ta' sitt elef lira (LM6,000) ghal <u>kull</u> ksur ta' l-imsemmi kuntratt ta' l-impjieg tieghu. Illi ghalhekk din hija l-kwisjtoni ta' l-interpetazzjoni tal-klawsola 16.

Illi meta il-kliem fl-iskrittura ikun car u ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni il-Qorti trid toqghod ghat-termini indikati (vide sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "VAB

Company Limited vs Maria Isabella sive Marisa Turkdogan moghtija fis-27 ta' Jannar, 2006)

Illi permezz ta' sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Jannar 2002 fl-ismijiet "Nazzareno Vella noe et vs Joseph Abela et noe" l-Qorti qalet illi "r-regola primarja ta' interpretazzjoni hi li gudikant jaghti lill-kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti u biss meta t-termini tal-kuntratt huma oskura li jrid jigi kkunsidrat dak il-pattijiet li l-kontraenti riedu."

Illi permezz ta' sentenza ohra tal-Qorti ta' l-Appell moghtija fl-14 ta' Jannar, 2002 fl-ismijiet "Dr Leslie Grech noe et vs Ivan Burridge pro et noe" il-Qorti qalet illi l-kliem tal-kuntratt ghandhom jigu meqjusa litteralment u innotat li kelma f'kuntratt ghandha tkun interpretata letteralment meta t-tifsira taghha hija cara. L-intenzjoni tal-partijiet ghandha tigi meqjusa biss meta t-tifsira ma tkunx cara. (Vide sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "John Zammit vs Michael Zammit Tabone et" tat-28 ta' Frar, 1997).

Illi l-Artikolu 993 tal-Kodici Civili jghid illi hi regola illi l-kuntratti jigu ezegwiti bil-bona fidi.

Illi hija wkoll regola ben affermata li kontra l-miktub mhumiex ammissibbli prova mhux miktuba ("contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non sufertur").

Illi b'danakollu huwa indubitat illi hija ammessa l-prova testimonjali bl-iskop li jigu kjariti hwejjeg mhux cari, l-ambigwitajiet u l-incertezzi tal-att kontrattwali sabiex tigi ccarata l-intenzjoni tal-partijiet, ghaliex f'tali kaz ma jkunx kaz ta' prova orali in kontradizzjoni jew b'zieda ghall-prova skritta izda jkun il-kaz ta' prova testimonjali tendenti li tikkonferma l-kontenut tal-att miktub u sabiex jigi dimostrat l-vera intenzjoni tal-partijiet li minn dak l-att, minghajr l-ghajnuna tal-prova testimonjali, tkun tirrizulta mhux cara jew tidher incerta jew ambigwa.

Illi wara li l-Qorti hasbet fir-reqqa u fit-tul fuq din il-kwestjoni hija tal-ferma konvinzjoni illi l-interpretazzjoni l-

aktar konsistenti u attinenti ghall-volonta tal-kontraenti hi dik illi id-danni ikunu dovuti kemm-il darba jirizulta li l-konvenut kiser il-klawsola tal-kuntratt mertu ta' din il-kawza u mhux ghal kull darba illi l-konvenut kiser din il-klawsola, kif qeghda tippretendi s-socjeta attrici.

Illi ghandu ragun il-konvenut meta jghid fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu illi li kieku dik kienet il- vera intenzjoni tal-partijiet kien jitnizzel car fuq il-ftehim illi d-danni jkunu dovuti  ghal kull nuqqas, haga illi ma saritx.

Illi ghalhekk u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tirrispingi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, tilqa t-tieni eccezzjoni tieghu, tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-konvenut kiser il-klawsola 16 tal-kuntratt ta' l-impjieg tieghu, izda tastjeni milli tiddeciedi kemm il-darba kiser il-klawsola 16 tal-kuntratt ta' l-impjieg tieghu, peress illi kif intqal aktar 'il fuq f'dan il-gudikat l-intenzjoni tal-partijiet ma kienitx illi l-konvenut ghandu jhallas id-danni ghal kull darba li jikser din il-klawsola, izda l-intenzjoni kienet illi jekk il-konvenut jikser il-klawsola 16, jiksirha kemm il-darba jiksirha, id-danni illi huwa jkollu jhallas lis-socjeta' attrici kellhom ikunu ta' sitt elef lira Maltin (LM6,000).  Illi il-Qorti tilqa' wkoll it-tieni talba attrici u tillikwida bhala danni kuntrattwali l-ammont ta' tlettax il-elf disa mija sitta u sebghin euro u erbghha u ghoxrin euro centezmu (€13,976.24), ekwivalenti ghal sitt elef lira Maltin (LM6,000).   Il-Qorti tilqa' ukoll it-tielet talba attrici u tikkundanna llill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta attrici is-somma fuq imsemmija;

Bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------